32005D0887

L 327/20 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 14.12.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-12 ta' Diċembru 2005

## li temenda d-Deċiżjonijiet 2004/695/KE u 2004/840/KE fir-rigward tar-riallokazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja lill-programmi ta' ċerti Stati Membri għall-qerda u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali u għall-verifiki bil-għan li jipprevjenu ż-żoonosi għall-2005

*(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4792)*

(2005/887/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 24(5) u (6) u l-Artikoli 29 u 32 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tipprovdi għall-possibilità ta' parteċipazzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-programmi ta' l-Istati Membri li għandhom bħala għan il-qerda u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali u għall-verifiki bil-għan li jipprevjenu ż-żoonosi.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/695/KE ta' l-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-listi tal-programmi għall-qerda u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali u għall-verifiki bil-għan li jipprevjenu ż-żoonosi li jikkwalifikaw għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2005 ([2]) tistipola r-rata proposta u l-ammont massimu tla-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal kull programm ippreżentat mill-Istati Membri.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/840/KE tat-30 ta' Novembru 2004 li tapprova programmi għall-qerda u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali u għall-kontrolli maħsuba għall-prevenzjoni miż-żoonosi ppreżentati mill-Istati Membri għas-sena 2005 u li tistabbilixxi l-livell tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità ([3]) tistipola l-ammont massimu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal kull programm ippreżentat mill-Istati Membri.

(4) Il-Kummissjoni analizzat ir-rapporti mgħoddija mill-Istati Membri dwar in-nefqa ta' dawn il-programmi. Ir-riżultati ta' dik l-analiżi juru li xi wħud mill-Istati Membri mhumiex se jużaw l-allokazzjoni sħiħa għall-2005 filwaqt li oħrajn se jonfqu aktar mill-ammont allokat.

(5) Il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għal xi wħud minn dawn il-programmi għandha għalhekk tiġi aġġustata. Huwa xieraq illi jerga' jiġi allokat finanzjament mill-programmi ta' l-Istati Membri, li mhumiex qed jużaw l-allokazzjoni sħiħa tagħhom għal dawk tal-pajjiżi li qed jaqbżuha. L-allokazzjoni mill-ġdid trid tissejjes fuq l-aktar informazzjoni riċenti dwar in-nefqa reali ta' l-Istati Membri kkonċernati.

(6) Id-Deċiżjonijiet 2004/695/KE u 2004/840/KE għandhom għalhekk jiġu emendati kif jixraq.

(7) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

*Artikolu 1*

L-Anness I u II tad-Deċiżjoni 2004/695/KE huma emendati bi qbil ma' l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

([2]) ĠU L 316, 15.10.2004, p. 87.

([3]) ĠU L 361, 8.12.2004, p. 41.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2004/840/KE hi emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 3(2), "EUR 400 000" tinbidel b' "EUR 900 000";
2. Fl-Artikolu 5(2), "EUR 900 000" tinbidel b' "EUR 0";
3. Fl-Artikolu 6(2), "EUR 1 500 000" tinbidel b' "EUR 675 000";
4. Fl-Artikolu 7(2), "EUR 200 000" tinbidel b' "EUR 300 000";
5. Fl-Artikolu 8(2), "EUR 400 000" tinbidel b' "EUR 500 000";
6. Fl-Artikolu 9(2), "EUR 100 000" tinbidel b' "EUR 105 000";
7. Fl-Artikolu 11(2), "EUR 5 000 000" tinbidel b' "EUR 5 850 000";
8. Fl-Artikolu 12(2), "EUR 5 000 000" tinbidel b' "EUR 3 600 000";
9. Fl-Artikolu 13(2), "EUR 3 000 000" tinbidel b' "EUR 2 875 000";
10. Fl-Artikolu 14(2), "EUR 800 000" tinbidel b' "EUR 100 000";
11. Fl-Artikolu 15(2), "EUR 1 800 000" tinbidel b' "EUR 1 740 000";
12. Fl-Artikolu 16(2), "EUR 5 000 000" tinbidel b' "EUR 4 415 000";
13. Fl-Artikolu 19(2), "EUR 4 000 000" tinbidel b' "EUR 4 600 000";
14. Fl-Artikolu 20(2), "EUR 2 500 000" tinbidel b' "EUR 2 725 000";
15. Fl-Artikolu 21(2), "EUR 700 000" tinbidel b' "EUR 770 000";
16. Fl-Artikolu 22(2), "EUR 250 000" tinbidel b' "EUR 300 000";
17. Fl-Artikolu 24(2), "EUR 250 000" tinbidel b' "EUR 350 000";
18. Fl-Artikolu 27(2), "EUR 200 000" tinbidel b' "EUR 330 000";
19. Fl-Artikolu 28(2), "EUR 175 000" tinbidel b' "EUR 150 000";
20. Fl-Artikolu 30(2), "EUR 6 500 000" tinbidel b' "EUR 6 340 000";
21. Fl-Artikolu 31(2), "EUR 300 000" tinbidel b' "EUR 500 000";
22. Fl-Artikolu 32(2), "EUR 4 500 000" tinbidel b' "EUR 4 470 000";
23. Fl-Artikolu 33(2), "EUR 1 700 000" tinbidel b' "EUR 1 900 000";
24. Fl-Artikolu 34(2), "EUR 25 000" tinbidel b' "EUR 875 000";
25. Fl-Artikolu 35(2), "EUR 50 000" tinbidel b' "EUR 95 000";
26. Fl-Artikolu 36(2), "EUR 400 000" tinbidel b' "EUR 675 000";
27. Fl-Artikolu 37(2), "EUR 70 000" tinbidel b' "EUR 117 000";
28. Fl-Artikolu 38(2), "EUR 400 000" tinbidel b' "EUR 455 000";
29. Fl-Artikolu 40(2), "EUR 600 000" tinbidel b' "EUR 310 000";
30. Fl-Artikolu 41(2), "EUR 50 000" tinbidel b' "EUR 0";
31. Fl-Artikolu 42(2), "EUR 600 000" tinbidel b' "EUR 170 000";
32. Fl-Artikolu 43(2) "EUR 350 000" tinbidel b' "EUR 370 000";
33. Fl-Artikolu 44(2) "EUR 100 000" tinbidel b' "EUR 25 000";
34. Fl-Artikolu 45(2) "EUR 200 000" tinbidel b' "EUR 375 000";
35. Fl-Artikolu 46(2) "EUR 15 000" tinbidel b' "EUR 23 000";

36. Fl-Artikolu 47(2) "EUR 100 000" tinbidel b' "EUR 140 000";

37. Fl-Artikolu 48(2) "EUR 800 000" tinbidel b' "EUR 1 075 000";

38. Fl-Artikolu 49(2) "EUR 150 000" tinbidel b' "EUR 485 000";

39. Fl-Artikolu 50(2) "EUR 100 000" tinbidel b' "EUR 40 000";

40. Fl-Artikolu 51(2) "EUR 10 000" tinbidel b' "EUR 100 000";

41. Fl-Artikolu 52(2) "EUR 200 000" tinbidel b' "EUR 290 000";

42. Fl-Artikolu 53(2) "EUR 300 000" tinbidel b' "EUR 370 000";

43. Fl-Artikolu 54(2) "EUR 250 000" tinbidel b' "EUR 370 000";

44. Fl-Artikolu 55(2) "EUR 50 000" tinbidel b' "EUR 115 000";

45. Fl-Artikolu 57(2) "EUR 25 000" tinbidel b' "EUR 50 000".

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-12 ta' Diċembru 2005.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-Anness I u II tad- Deċiżjoni 2004/695/KE jinbidlu b'dan li ġej:

*ANNESS I*

**Lista ta' programmi għall-qerda u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali (Artikolu 1(1))**

— Rata u ammont proposti għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità —

| Marda | Stat Membru jew Stat Membru li ser jissieheb | Rata | Ammont propost (EUR) |
|---|---|---|---|
| Marda ta' Aujeszkys | Il-Belġju | 50 % | 370 000 |
| | Spanja | 50 % | 370 000 |
| | L-Ungerija | 50 % | 115 000 |
| | L-Irlanda | 50 % | 50 000 |
| | Il-Portugall | 50 % | 50 000 |
| | Ir-Repubblika Slovakka | 50 % | 25 000 |
| Bluetongue | Spanja | 50 % | 875 000 |
| | Franza | 50 % | 95 000 |
| | L-Italja | 50 % | 675 000 |
| Bruċellożi bovina | Ċipru | 50 % | 105 000 |
| | Il-Greċja | 50 % | 100 000 |
| | Spanja | 50 % | 5 850 000 |
| | L-Irlanda | 50 % | 3 600 000 |
| | L-Italja | 50 % | 2 875 000 |
| | Il-Polonja | 50 % | 100 000 |
| | Il-Portugall | 50 % | 1 740 000 |
| | Ir-Renju Unit (1) | 50 % | 4 415 000 |
| Tuberkulożi Bovina | Ċipru | 50 % | 5 000 |
| | Il-Greċja | 50 % | 100 000 |
| | Spanja | 50 % | 4 600 000 |
| | L-Irlanda | 50 % | 0 |
| | L-Italja | 50 % | 2 725 000 |
| | Il-Polonja | 50 % | 770 000 |
| | Il-Portugall | 50 % | 300 000 |
| | Ir-Renju Unit (1) | 50 % | 0 |
| Deni klassiku tal-majjali | Il-Belġju | 50 % | 23 000 |
| | Ir-Repubblika Ċeka | 50 % | 140 000 |
| | Il-Ġermanja | 50 % | 1 075 000 |
| | Franza | 50 % | 485 000 |
| | Il-Lussemburgu | 50 % | 40 000 |
| | Is-Slovenja | 50 % | 100 000 |
| | Ir-Repubblika Slovakka | 50 % | 290 000 |

| Marda | Stat Membru jew Stat Membru li ser jissieheb | Rata | Ammont propost (EUR) |
|---|---|---|---|
| Lewkożi enzotika bovina | L-Estonja | 50 % | 25 000 |
| | L-Italja | 50 % | 350 000 |
| | Il-Litwanja | 50 % | 200 000 |
| | Il-Latvja | 50 % | 100 000 |
| | Il-Portugall | 50 % | 330 000 |
| Bruċellożi ovina u kaprina (B melitensis) | Ċipru | 50 % | 150 000 |
| | Il-Greċja | 50 % | 800 000 |
| | Spanja | 50 % | 6 340 000 |
| | Franza | 50 % | 500 000 |
| | L-Italja | 50 % | 4 470 000 |
| | Il-Portugall | 50 % | 1 900 000 |
| Poseidom (²) | Franza (³) | 50 % | 150 000 |
| Ir-Rabbja | L-Awstrija | 50 % | 180 000 |
| | Ir-Repubblika Ċeka | 50 % | 400 000 |
| | Il-Ġermanja | 50 % | 900 000 |
| | Il-Finlandja | 50 % | 100 000 |
| | Il-Litwanja | 50 % | 0 |
| | Il-Polonja | 50 % | 675 000 |
| | Is-Slovenja | 50 % | 300 000 |
| | Ir-Repubblika Slovakka | 50 % | 500 000 |
| Il-marda vesikulari tal-majjali | L-Italja | 50 % | 375 000 |
| | | Total | 50 808 000 |

(¹) Ir-Renju Unit fir-rigward biss ta' l-Irlanda ta' Fuq.

(²) Il-marda ta' l-ilma fil-qalb, il-babesijożi and l-anaplasmożi trażmessi minn insetti li jservu ta' vetturi ta' tixrid fid-dipartimenti ta' barra Franċiżi.

(³) Franza biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' Guadeloupe, Martinique u Réunion.

*ANNESS II*

**Lista ta' programmi tal-kontrolli mmirati lejn il-prevenzjoni taż-żoonożi (Artikolu 2(1))**

— Rata u ammont proposti għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità —

| Żoonożi | Stat Membru jew Stat Membru li ser jissieheb | Rata | Ammont propost (EUR) |
|---|---|---|---|
| Salmonella | L-Awstrija | 50 % | 117 000 |
| | Il-Belġju | 50 % | 455 000 |
| | Id-Danimarka | 50 % | 110 000 |
| | Franza | 50 % | 310 000 |
| | L-Irlanda | 50 % | 0 |
| | L-Italja | 50 % | 170 000 |
| | L-Olanda | 50 % | 370 000 |
| | Ir-Repubblika Slovakka | 50 % | 25 000 |
| | | total | 1 557 000 |